MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 512/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Carmelo Portelli 58 sena iben Carmel u Carmela nee` Degabriele imwieled Zejtun fil-21 ta' Marzu 1950 u residenti Blk 11 Door 12 Triq il-Gardenja, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita` 343450(M)**

**u**

**Stephen Portelli 30 sena iben Carmelo u Carmen nee` Mangion imwieled Pieta fil-19 ta' Ottubru 1977 u residenti 30 Triq il-Kbira Tarxien u detentur tal-karta tal-identita 541877(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Carmelo Portelli u Stephen Portelli li gew akkuzati li fil-lejl ta’ bejn it-12 u t-13 ta’ Gunju 2008 gewwa z-Zejtun minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqqhedu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi  fuq il-persuna ta’ Alistair Bianco skond kif iccertifikat Dr. Tracy Lee Azzopardi MD 3072 mill-isptar Mater Dei.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa, Zejtun ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Chantelle Bianco.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zejtun hebbew ghall-imsemmija persuni sabiex jingurjawhom, idejquhom jew jghamlulhom hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Zejtun volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

Lil Stephen Portelli wahdu talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u 13 ta’ Gunju 2008 gewwa Zejtun ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura AAR706 propjeta ta’ Chantelle Bianco.

Lil Stephen Portelli wahdu ukoll talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u 13 ta’ Gunju 2008 gewwa Zejtun saq vettura EAA763 b’manjiera traskurata u perikoluza.

Lil Stephen Portelli wahdu wkoll talli fil-lejl ta’ bejn it-12 u 13 ta’ Gunju 2008 gewwa Zejtun bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Chantelle Bianco biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha jew  kontra il-persuna jew propjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew persuni ohra.

U aktar talli saru recidivi b’diversi sentenza tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati ghall-akkuzi kollha ghajr l-ahhar akkuza migjuba fil-konfornt taghhom liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sahbiex jirrikonsidraw l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati ghall-akkuzi kollha ghajr ghall-ahhar wahda u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja tal-istess. Illi fir-rigward ta' l-ahhar akkuza dwar ir-recidiva l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputati mill-istess peress illi dan ma jirrizultax ippruvat.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li fihom sehh dan l-incident u l-fatt illi llum il-parte leza hafru lill-imputati ghall-akkadut peress illi d-divergenzi ta' bejniethom sorvolati. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 218(b), 339(1)(d), 338 (dd), 325, 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputati mill-ahhar akkuza migjuba fil-konfront taghhom izda ssibhom hatja tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannahom ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien 4 snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta turbot lill-hatja b'garanzija fil-konfront ta' Allistair

Bianco u Chantelle Bianco taht penali ta’ €500 ghal zmien sena mil-lum.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------